MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-12 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 990/2009

**Carmel Attard magħruf bħala Carmel Attard Biancardi, Roberto Attard magħruf bħala Roberto Attard Biancardi f'ismu proprju kif ukoll għan-nom ta' ibnu minuri Nicholas Attard, Stefan Attard magħruf bħala Stefan Attard Biancardi u Joanna Attard magħrufa bħala Joanna Attard Biancardi; u Donna Attard magħrufa bħala Donna Attard Biancardi**

**-vs-**

**Direttur Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fis-16 ta' Ottubru 2009 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

1. Illi l-esponenti Carmel Attard magħruf bħala Carmel Attard Biancardi twieled fil-ħdax (11) ta' Awissu

1948, minn Emanuel Attard u martu Pauline, xebba Biancardi;

2. Illi fl-att ta' twelid relattiv, li jġorr in-numru 7012/1948, il-kunjom tal-esponent ġie ndikat bħala 'Attard';

3. Illi bħala fatt, l-esponent kien dejjem konsistentement magħruf, kemm mill-familjari tiegħu u kemm mis-soċjeta', bħala 'Carmel Attard Biancardi'. Tant hu hekk illi fid-diversi dokumenti uffiċjali li tagħhom huwa detentur, ismu huwa indikat f'din il-modalita';

4. Illi għalhekk huwa opportun li ssir annotazzjoni fl-atti ta' l-anagrafe sabiex ma' l-isem ta' l-esponent hemmhekk indikat, jiżdied il-kunjom ta' xebba ta' omm l-esponent;

5. Illi l-istess annotazzjoni għandha ssehh fil-konfront ta' l-att ta' twelid ta' ulied l-esponenti, Roberto, Stefan u Joanna, lkoll atturi f'din il-proċedura, kif ukoll fir-rigward tal-minuri Nicholas Attar, iben l-attur Roberto, minnu rappreżentat għal finijiet ta' din l-azzjoni;

6. Illi dawn l-annotazzjonijiet huma meħtieġa a skans ta' kull ekwivoku li jista' jkun preġudizzjevoli għall-esponenti fil-ħajja soċjali tagħhom.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha prevja dikjarazzjoni li l-atturi kienu konsistentement magħrufin bil-kunjom "Attard Biancardi":

1. Tordna li ssir annotazzjoni fl-att tat-twelid tal-attur Carmel Attard bin-numru 7012/1948 fis-sens li dan huwa magħruf bħala 'Carmel Attard Biancardi';

2. Tordna li ssir annotazzjoni fl-att taż-żwieg tal-attur Carmel Attard bin-numru 748/1974 fis-sens li dan huwa magħruf bħala 'Carmel Attard Biancardi';

3. Tordna li ssir annotazzjoni fl-att tat-twelid tal-attur Roberto Attard bin-numru 1950/1982 fis-sens li dan huwa magħruf bħala ‘Roberto Attard Biancardi’ kif ukoll li ssir awtoriżżazzjoni sabiex kull fejn jidher l-isem Carmel Attard f’dan l-att ta’ twelid jiġu miżjuda l-kliem ‘magħruf bħala Carmel Attard Biancardi’;

4. Tordna li ssir annotazzjoni fl-att tat-twelid tal-attur Stefan Attard bin-numru 1774/1977 fis-sens li dan huwa magħruf bħala ‘Stefan Attard Biancardi’ kif ukoll li ssir annotazzjoni sabiex kull fejn jidhru l-isem Carmel Attard f’dan l-att ta’ twelid jiġu miżjuda l-kliem “magħruf bħala Carmel Attard Biancardi”.

5. Tordna li ssir annotazzjoni fl-att tat-twelid tal-attriċi Joanna Attard bin-numru 3652/1984 fis-sens li din hija magħrufa bħala ‘Joanna Attard Biancardi’ kif ukoll li ssir annotazzjoni sabiex kull fejn jidhru l-isem Carmel Attard f’dan l-att ta’ twelid jiġu miżjuda l-kliem “magħruf bħala Carmel Attard Biancardi”.

6. Tordna li ssir l-annotazzjoni fl-att tat-twelid tal-attur Nicholas Attard bin-numru 3113/2009 fis-sens li dan huwa magħrufa bħala ‘Nicholas Attard Biancardi’ kif ukoll li ssir annotazzjoni sabiex kull fejn jidhru l-isem Carmel Attard f’dan l-att ta’ twelid jiġu miżjuda l-kliem “magħruf bħala Carmel Attard Biancardi” u kull fejn jidhru isem Robert Attard, jiġu miżjuda l-kliem “magħruf bħala Robert Attard Biancardi”, u wkoll kull fejn jidher isem Donna Attard, jiġu miżjuda l-kliem “magħrufa bħala Donna Attard Biancardi”.

7. Tordna li tali annotazzjoni ssir ukoll mill-konvenut f’kull att tal-istat ċivili tar-rikorrenti fejn din tkun neċessarja,

U dan kollu prevja kull provvediment ieħor li lil dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuna.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fl-10 ta' Novembru 2009, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smiegħ tal-kawza, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern a tenut tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi in vena preliminari wkoll huwa essenzjali li t-talbiet tar-rikorrenti kif imniżżla fir-rikors ġuramentat tagħhom jiġu preċeduti minn talba oħra separata li permezz tagħha jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li Carmel Attard, Roberto Attard, Nicholas Attard, Stefan Attard, u Joanna Attard, kienu konsistentement imsejħin u magħrufin bil-kunjom 'Attard Biancardi' u mhux bil-kunjom ta' 'Attard' kif hekk jidher fl-atti tal-istat ċivili rispettivi tagħhom;

3. Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u fid-dokumenti hemm mehmuża, għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi bħala ħsara għal premess fir-rigward tat-tielet, ir-raba' u l-ħames talba tar-rikorrenti, ossia dik dwar l-att tat-twelid bin-numru 1774/1977 ta' Stefan Attard u l-att tat-twelid bin-numru 3652/1984 ta' Joanna Attard rispettivament, l-esponent umilment jissuġġerixxi li għandha tintalab ukoll annotazzjoni ulterjuri fis-sens li kull fejn jidher isem Carmel Attard fl-atti tat-twelid *de quo* jiġi miżjud il-kliem 'magħruf bħala Carmel Attard Biancardi';

5. Illi dejjem mingħajr preġudizzju fil-kuntest tas-sitt talba tar-rikorrenti ċjoe' dwar l-att ta' twelid bin-numru 3113/2009 dak ta' Nicholas Attard, l-esponent jissuġġerixxi wkoll li tintalab annotazzjoni ulterjuri fis-sens li kull fejn jidhru isem Roberto Attard u Carmel Attard fl-att

tat-twelid *de quo* jiġi miżjuda l-kliem 'magħruf bħala Carmel Attard Biancardi';

6. Illi f'dan l-istadju l-esponent jissolleċita lir-rikorrenti biex jesploraw il-possibbilta' li anke Donna Attard tipparteċipa bħala rikorrenti f'dawn il-proċeduri bil-mira li titlob li jiġi ddikjarat li hija magħrufa bil-kunjom 'Attard Biancardi' u sussegwentement biex fiċ-ċertifikat ta' binha Nicholas Attard (3113/2009) tiġi mdaħħla annotazzjoni li hi magħrufa bħala 'Attard Biancardi'. Jekk hi tonqos milli tagħmel dan fl-att ta' twelid 3113/2009 Donna Attard ħa tibqa' mniżżla bħala 'Attard' biss;

7. Illi bla preġudizzju għas-suespost, is-seba' talba tar-rikorrenti inkwantu tirreferi għal atti tal-istat ċivili oħra apparti l-att tat-twelid bin-numru 7012/1948, l-att taż-żwieg numru 748/1974, l-att tat-twelid bin-numru 1950/1982, l-att tat-twelid bin-numru 1774/1977, l-att tat-twelid bin-numru 3652/1984 u l-att tat-twelid bin-numru 3113/2009 hija insostenibbli *ai termini* tal-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sakemm ir-rikorrenti ma jispeċifikawx in-numru u s-sena relattivi tal-atti tal-istat ċivili li għalihom qed jagħmlu referenza;

8. Illi mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

10. Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat id-digrieti li permezz tagħhom ġew awtorizzati l-korrezzjonijiet mitluba;

Rat illi in vista tal-korrezzjonijiet imsemmija t-tieni, ir-raba', il-ħames, is-sitta u s-seba' eċċezzjoni tal-konvenut ġew eżawriti.

Rat illi fil-verbal tas-seduta tas-17 ta' Marzu 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

It-talba attriċi hija ġustifikata billi huwa dejjm kien magħruf bil-kunjom Attard Biancardi u mhux kif indikat fiċ-ċertifikati in kwistjoni. Huwa ċert pero' illi l-konvenut ma jaħtix għal dan l-istat ta' fatt u ma għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kif korretti; l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------